MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 368/2013

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Joseph GAUCI [ID. Nru. 227879M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-21 ta' Gunju, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' hames mija u disghin euro u tnejn u ghoxrin ċenteżmu ta' euro [€590.22] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' hames mija u disghin euro tnejn u ghoxrin ċenteżmu in konnessjoni ma servizz ta' komunikazzjoni bin-numru 79091175 numri tal-kontijiet A/C 50651697, moghtija mis-socjeta attriċi u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas iżda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali mibghuta ai termini tal-Art. 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 31 ta' Ottubru, 2012, kopja annessa u markata Dok F u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fl-1 ta' Lulju, 2013 u fis-seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2013 l-intimat deher quddiem it-Tribunal assistit mill-Avukat Dottor Kris Busietta. L-intimat obbliga ruhhu li jhallas is-somma ta' tlett mija u wiehed u erbghin ewro u tnejn u ghoxrin ċenteżmu (€341.22) sa l-ahhar ta' Awwissu, 2013 lis-socjeta rikorrenti u li ghar-rigward tal-bilanc ta' mitejn u disgha u erbghin euro (€249) dan kien ikkontestat.

Ra li fl-20 ta' Novembru, 2013 is-socjeta rikorrenti resqet kapitolu ghas-subizzjoni ta' l-intimat stante li dan baqa ma deherx ghal dik is-seduta.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' hames mija u disghin euro u tnejn u ghoxrin ċenteżmu ta' euro [€590.22] rapprezentanti din is-somma hlasijiet in konnessjoni mas-servizzi ta' telekomunikazzjoni, kont numru A/C 50651697.

Ikkunsidra;

2. Fis-seduta tal-10 ta' Lulju, 2013 xehed l-intimat li qal li huwa kellhu jaghti ghall-"*... calls illi ghamilt liema calls jammontaw ghal tlett mija wiehed u erbghin ewro u tnejn u ghoxrin ċenteżmu (€341.22c)*" (fol. 14). Ghar-rigward tal-

bilanc, l-intimat qal li huwa ma għandux iħallsu "*... peress li jiena kont għamilt kuntratt mas-socjeta rikorrenti fejn dawn kellhom jehduli l-flus by direct debit kull ġurnata partikolari fix-xahar u dan ma sarx mill-kumpanija*" (fol. 14). Qal ukoll li "*Il-mitejn u hamsin ewro (€250) l-ohra u cioe dik id-differenza bejn li ghandi naghti u l-ammont li qeghdin jitolbu s-socjeta rikorrenti hija ghal penali u anki tal-mobile phone li jiena rritornajtu lura*" (fol. 14). Qal li meta huwa ha l-*mobile phone* lura lis-socjeta rikorrenti, l-addetti taghha ma rieduhx u hu qabad u telqu fuq il-bank.

3. Il-prokuratur legali Noel Scerri xehed fl-20 ta' Settembru, 2013 u qal li "*... fil-mori tad-differiment kien sar hlas fl-ammont ta' tlett mija u wiehed u erbghin ewro u tnejn u ghoxrin ċenteżmu (€341.22c)*" (fol. 17). Ghalhekk, kompla jghid il-Prokuratur Legali Scerri, "*il-bilanc ... illum huwa ta' mitejn disgha u erbghin ewro (€249) li huwa l-ammont preċiżament dovut u ndikat fid-dokument D a fol. 6 tal-process*" (fol. 17). Dan l-ammont "*... huwa l-penali li l-intimat ghandu jaghti lis-socjeta rikorrenti a tenur tal-kuntratt iffirmat minnu fit-tmintax (18) ta' Gunju elfejn u disgha (2009) liema dokument jinsab esebit a fol. 3 tal-process dok. B*" (fol. 17).

4. Is-socjeta rikorrenti resqet kapitolu ghas-subizzjoni ta' l-intimat fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 2013.

Ikkunsidra ulterjorment;

5. Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar l-20 ta' Novembru, 2013 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

6. Illi ukoll, mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda prodotti, jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod tipprova li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

7. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti, kif ridott ghas-

somma ta’ mitejn disgha u erbghin euro (€249), huwa dovut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ mitejn disgha u erbghin euro [€249] bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------